

Konvenut: CX

### **Domandi preliminari**

- 1) Il-kelma “pubbliku” li tinsab fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti ta’ drittijiet ta’ l-awturu u drittijiet relatati fis-soċjetà ta’ l-informazzjoni (‘), għandha tifsira uniformi?
- 2) F’każ li l-ewwel domanda tingħata risposta affermattiva, qorti tista’ taqa’ taħt il-kunċett ta’ “pubbliku” fis-sens ta’ dawn id-dispożizzjonijiet?
- 3) F’każ li l-ewwel domanda tingħata risposta negattiva:
  - a) f’każ ta’ komunikazzjoni ta’ xogħol protett lil qorti, din tal-aħħar tista’ taqa’ taħt il-kunċett ta’ “pubbliku”?
  - b) f’każ ta’ distribuzzjoni ta’ xogħol protett lil qorti, din tal-aħħar tista’ taqa’ taħt il-kunċett ta’ “pubbliku”?
- 4) Il-fatt li d-dritt nazzjonali jipprevedi prinċipju ġenerali ta’ aċċess għad-dokumenti pubbliċi li skontu kull min iressaq talba jista’ jingħata aċċess għall-atti tal-proċedura trażmessi lil qorti, dment li dawn ma jkunux suġġetti għas-sigriet tal-kunfidenzjalitā, jinċidi fuq l-evalwazzjoni dwar jekk it-trażmissjoni lil qorti ta’ xogħol protett tikkostitwixx “komunikazzjoni lill-pubbliku” jew “distribuzzjoni lill-pubbliku”?

---

(‘) ČU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 17, Vol. 1, p. 230.

---

### **Appell ippreżentat fit-30 ta’ Awwissu 2019 minn Ja zum Nürburgring eV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla Estiża) fid-19 ta’ Ġunju 2019 fil-Kawża T-373/15, Ja zum Nürburgring eV vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-647/19 P)**

(2019/C 372/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### **Partijiet**

*Appellant: Ja zum Nürburgring eV (rappreżentanti: Prof. Dr. D. Frey u Dr. M. Rudolph, Rechtsanwälte)*

*Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea*

### **Talbiet**

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1. tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Ġunju 2019 fil-Kawża T-373/15.
2. tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 3634 final tal-1 ta’ Ottubru 2014, sa fejn huwa stabbilit fiha li:
  - a. la x-xerrejja, tal-assi mibjugħin skont il-proċedura ta’ sejħa għal offerti, jiġifieri capricorn Nürburgring Besitzgesellschaft GmbH, u lanqas is-sussidjarji tagħha, ma huma kkonċernati minn eventwali rkupru tal-għajnejha mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq intern, kif ukoll
  - b. il-bejgħ tal-assi ta’ Nürburgring GmbH, ta’ Motorsport Resort Nürburgring GmbH u ta’ Congress- und Motorsport Hotel Nürburgring GmbH ma jikkostitwixx għajnejha mill-Istat favur capricorn Nürburgring Besitzgesellschaft GmbH jew tas-sussidjarji tagħha.

3. sussidjarament, tannulla s-sentenza ċċitata fil-punt 1 u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.
4. tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti tinvoka ġumes aggravji.

1. Żebatt ta' liġi meta ċaħdet l-inċidenza tal-appellanti bħala kompetituri:

Il-Qorti Ġenerali injorat il-motivi u l-argumenti rilevanti tal-appellanti, meta dawn kieno jirriżultaw b'mod ċar mill-annessi tal-proċess, u għalhekk kisret l-obbligu ta' motivazzjoni. Il-Qorti Ġenerali tat-motivazzjoni żbaljata, u fi kwalunkwe każ, insuffiċjenti. Minbarra dan qed jiġi allegat ksur tar-rispett tad-drittijiet tad-difīża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-appellanti (Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iktar 'il-quddiem il-“Karta”). Minbarra dan il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE b'mod żbaljat.

2. Żball ta' liġi fiċ-ċaħda tal-inċidenza tal-appellanti bħala assoċjazzjoni professjonal:

Il-Qorti Ġenerali injorat ukoll il-motivi u argumenti rilevanti tal-appellanti, meta dawn kieno jirriżultaw b'mod ċar mill-annessi tal-proċess, u għalhekk kisret l-obbligu ta' motivazzjoni. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali tat-motivazzjoni żbaljata, u fi kwalunkwe każ, insuffiċjenti. Minbarra dan qed jiġi allegat ksur tal-osservanza tad-drittijiet tad-difīża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-appellanti (Artikolu 47 tal-Karta). Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet distorsjoni tal-fatti u tal-provi. Minbarra dan il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE b'mod żbaljat.

3. Żball proċedurali u sostantiv meta ċaħdet *locus standi* tal-appellanti bħala kompetitur u bħala assoċjazzjoni professjonal fir-rigward tat-tieni deċiżjoni kkontestata.

Minħabba l-motivi esposti fl-ewwel u fit-tieni aggravju, il-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' logi meta ċaħdet il-*locus standi* tal-appellanti fir-rigward tat-tieni deċiżjoni kkontestata.

4. Żball ta' liġi meta ċaħdet l-obbligu tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-għoti ta' ghajjnuna ġiddi permezz tal-bejgħ tal-assi lil capricorn.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddikjarat li kienet twettqet proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa, trasparenti, nondiskriminatorja u inkundizzjonata, bi ksur tal-Artikoli 107, 108(2) TFUE, tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difīża, u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif ukoll permezz ta' distorsjoni tal-fatti u tal-provi. Għalhekk il-prezz tas-suq ma kienx ġie stabbilit. Kien hemm għalhekk dubji serji, tant li l-Kummissjoni kellha tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali.

5. Motivazzjoni żbaljata tal-Qorti Ġenerali minħabba l-assenza ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tieni deċiżjoni kkontestata.

Il-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tirrikonoxxi li l-Kummissjoni kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha fir-rigward tad-deċiżjonijiet kkontestati.